**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Justin Scicluna**

**Kumpilazzjoni numru 909/2015**

**Illum 15 ta' Lulju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Justin Scicluna** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 492596(M) billi huwa akkuzat:

Talli fit-18 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta' 21:40hrs gewwa l-Mosta ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi Euro 232.94 u dan ghad-dannu ta' Johann Schembri, Joe Mallia, Sergio Cappitta u Franco Degabriele bhala diretturi tal-kumpanija IZIBET u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Emanuel Falzon

kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'lok pubbliku libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l-ligi;

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' sentenza ta' liberta taht kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr. A. Bugeja LLD, fit-28 ta' April 2015, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' sena mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Finalment akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 18 ta' Marzu, 2016 (esebita a fol. 160 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 261(a), (c) u (f), 262(1)(a) u (b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 338(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' April, 2016 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni u d-difiza fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom meta tkun qeghda taghti l-piena.

Il-Qorti semghet lill-Probation Officer Annabella Bugeja nhar l-10 ta' Gunju 2016 u dan wara li fil-15 ta' Jannar 2016 il-Qorti poggiet lill-imputat taht ordni provizorja ta' supervizjoni.

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Il-kaz imur lura ghal-lejl tat-18 ta' Novembru 2015 ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxin ta' filghaxija (21:40) fil-Mosta meta l-imputat dahal fil-font tal-kumpanija IZIBET u seraq erba' mija u tnejn u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€432.23). L-imputat wettaq din is-serqa wara li kien ftiehem ma' habib tieghu li kienu qeghdin jilghabu l-*playstation* flimkien biex iwasslu fuq il-post. L-imputat kien liebes hoodie u balaklava u kellu arma tan-nar fuqu. Minghajr ma kien jaf l-imputat, l-impjegat Manwel Falzon ta' IZIBET tefghalu *tracking device* mal-flus misruqa, liema *tracking device* ghen biex fi ftit hin il-

pulizija ssib fejn kien l-imputat u anke rkuprat il-flus misruqa. L-imputat ikkopera mal-pulizija u minnufih tahom il-verzjoni tieghu fejn qalilhom x'wasslu biex jaghmel dan.

**Ikkunsidrat:**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bl-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu;  jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali.  Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghall-periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fis-sottomissjoni finali l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx li l-imputat ikun trattat skont dak li jipprovdi l-**Att tal-Probation** (Kap 446).

**Il-Qorti ghal darb'ohra ser taghzel li fost l-ohrajn tikkwota lil Papa Frangisku u lill-Isqof Mario Grech u dan bhala parti mir-riflessjoni u l-istudju biex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti mhix hawn biex tissodisfa l-ghajta ta' dawk li ghal kull reat li jsir f'pajjizna johorgu b'hangra jghajjtu "sallbu, sallbu". Kieku l-Qrati taghna jcedu ghal xi forma ta' pressjoni nkluz tal-pubbliku jkunu qeghdin jaghmlu ingustizzja flok gustizzja. Kieku l-Qrati taghna jcedu ghall-pressjoni, kieku fit-toroq taghna jkollna kwantita kbira ta' Barabbas fit-toroq taghna. Il-Qorti fil-waqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, u tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi, tara li tuza ukoll l-ghodod kollha li jipprovdielha l-legislatur biex persuna kemm jista' jkun tinghata direzzjoni f'hajjitha u tirritorna lura hielsa minn kull madmad fis-socjeta'.**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

> *"Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw."*

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

> *Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna ...."*

L-Isqof ta' Għawdex Mario Grech waqt il-Gradwazzjoni tal-Istudenti tal-Ħames Sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 qal:

*Iċ-ċiviltà tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali. Meta naħsbu li tkun saret inġustizzja, nirrikorru għand il-Qrati, fejn suppost hemm l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk, jekk wieħed ikollu ħtija, ikollu jħallas. Imma l-esperjenza tgħallimna li mhux kull meta kienet applikata l-ittra tal-liġi tkun saret ġustizzja. Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Ċiċerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" – fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, tafissir inġustizzja.*

Papa Frangisku tkellem dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

*"Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk.*

*[...]*

*Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena."*

L-imputat hekk ghamel.  Gharaf li zbalja, iddispjacieh u llum jinsab fit-triq t-tajba tant li sab impjieg *full time*.  Il-Probation Officer meta xehdet dwar l-ordni ta' supervizjoni imposta mill-Qorti spjegat li l-imputat dejjem ikkopera maghha u indirizza problemi li kellu.  Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li r-reati li ghalihom tressaq kienu marbuta mal-imgieba tieghu fil-*ground* bhala supporter ta' Mosta FC.  Il-Qorti rat ukoll li l-imputat ghamel mill-20 ta' Novembru 2015 sa 8 ta' Jannar 2016 taht arrestat preventiv.

**DECIDE**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, li l-imputat Justin Scicluna jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' probation fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputat jinghata direzzjoni f'hajtu.  L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputat jigi kkundannat ghal dak li wettaq fil-lejl tat-18 ta' Novembru 2015, tara wkoll li haga simili l-imputat jaghraf ma jergghax iwettaqha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 18 ta' Marzu, 2016  b'mod partikolari Artikoli 17, 31, 86 u 87(1)(e),  261(a), (c) u (f), 262(1)(a) u (b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 49, 50, 289 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 5(1), 51(2), 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u  Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Justin Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, ai termini ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi

jaghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsin (150) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-probation.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l- Qorti fissret lill-imputat Justin Scicluna bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Justin Scicluna.

In oltre l-Qorti tordna l-konfiska tal-arma li ntuzat fil-kaz u li kienet esebita fl-atti *a fol*. 116.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tmintax –il ewro u erbgha u tletin centezmu (€1218.34) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**